

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/864

tat-22 ta' Ġunju 2020

li jistabbilixxi d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali, applikabbli mit-23 ta' Ġunju 2020

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 183 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 ⁽²⁾ jipprevedi li, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 1001 11 00, 1001 19 00, ex 1001 9 1 20 [il-qamħ komuni għaż-żrigħ], ex 1001 9 9 00 [il-qamħ komuni ta' kwalità għolja minbarra dak għaż-żrigħ], 1002 10 00, 1002 90 00, 1005 10 90, 1005 90 00, 1007 10 90 u 1007 90 00, id-dazju tal-importazzjoni huwa daqs il-prezz tal-intervent li jgħodd għal dawn il-prodotti fil-waqt tal-importazzjoni tagħhom, biż-żieda ta' 55 % u bit-tnaqqis tal-prezz tal-importazzjoni tas-CIF applikabbli għall-kunsinna kkonċernata. Madankollu, dan id-dazju ma jistax jaqbeż ir-rata tad-dazju tat-Tariffa Doganali Komuni.
- (2) L-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010 jipprevedi li, għall-finijiet tal-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu, kull tant żmien għandhom jiġu stabbiliti prezzijiet rappreżentattivi tal-importazzjoni tas-CIF għall-prodotti kkonċernati.
- (3) Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, il-prezz tal-importazzjoni li għandu jintuża għall-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dak ir-Regolament huwa l-prezz rappreżentattiv tal-importazzjoni tas-CIF tal-ġurnata stabbilit skont il-metodu previst fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.
- (4) Sa mill-21 ta' Settembru 2017 id-dazju tal-importazzjoni tal-prodotti li joriġinaw fil-Kanada li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 1001 11 00, 1001 19 00, ex 1001 99 00 [il-qamħ komuni ta' kwalità għolja minbarra dak għaż-żrigħ] 1002 10 00 u 1002 90 00 għandu jiġi kkalkulat skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010.
- (5) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti d-dazji tal-importazzjoni għall-perjodu li jibda fit-23 ta' Ġunju 2020, li jkunu applikabbli sa ma jidħlu fis-seħħ dazji tal-importazzjoni ġodda.
- (6) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, jeħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 tal-20 ta' Lulju 2010 dwar regoli ta' applikazzjoni għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 dwar id-dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali (ĠU L 187, 21.7.2010, p. 5).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Mit-23 ta' Ġunju 2020, id-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali msemija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010 għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament abbażi tal-fatturi msemija fl-Anness II tiegħu.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ġunju 2020.

Għall-Kummissjoni
fisem il-President,
Wolfgang BURTSCHER
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

ANNEX I

**Id-dazji tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010
li japplikaw mit-23 ta' Ġunju 2020**

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-oġġetti	Dazju tal-importazzjoni ⁽¹⁾ ⁽²⁾ (f'EUR għal kull tonnallata)
1001 11 00	QAMĦ durum, għaż-żriġh	0,00
1001 19 00	QAMĦ durum ta' kwalità għolja, minbarra dak għaż-żriġh	0,00
	ta' kwalità medja, minbarra dak għaż-żriġh	0,00
	ta' kwalità baxxa, minbarra dak għaż-żriġh	0,00
Ex10 01 91 20	QAMĦ komuni, għaż-żriġh	0,00
Ex10 01 99 00	QAMĦ komuni ta' kwalità għolja, minbarra dak għaż-żriġh	0,00
1002 10 00	SEGALA, għaż-żriġh	4,65
1002 90 00	SEGALA, minbarra dik għaż-żriġh	4,65
1005 10 90	QAMĦIRRUM għaż-żriġh, minbarra l-qamħirrum ibridu	4,65
1005 90 00	QAMĦIRRUM minbarra dak għaż-żriġh ⁽³⁾	4,65
1007 10 90	SORGU tal-ħabb minbarra dak ibridu għaż-żriġh	4,65
1007 90 00	SORGU tal-ħabb, minbarra dak għaż-żriġh	4,65

⁽¹⁾ Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fid-dazji ta':

- EUR 3 għal kull tonnallata, jekk il-port tal-ħatt ikun jinsab fil-Baħar Mediterran (lil hinn mill-Istrett ta' Ġibiltà) jew fil-Baħar l-Iswed u jekk l-oġġetti jaslu fl-Unjoni mill-Oċean Atlantiku jew permezz tal-Kanal ta' Suez,
- EUR 2 għal kull tonnallata, jekk il-port tal-ħatt ikun jinsab fid-Danimarka, fl-Estonja, fl-Irlanda, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja, fir-Renju Unit jew mal-kosta tal-Atlantiku tal-Peniżola Iberika u jekk l-oġġetti jaslu fl-Unjoni mill-Oċean Atlantiku.

⁽²⁾ Għall-prodotti li joriġinaw fil-Kanada u li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 1001 11 00, 1001 19 00, ex 1001 99 00 (qamħ komuni ta' kwalità għolja għajr dak għaż-żriġh), 1002 10 00, u 1002 90 00, id-dazju għandu jiġi kkalkulat skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010.

⁽³⁾ L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 għal kull tonnallata jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 642/2010.

ANNEX II

Fatturi għall-kalkolu tad-dazji stabbiliti fl-Anness I

1. Il-prezzijiet medji għall-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010:

(f'EUR għal kull tunnellata)

	Qamħ komuni ⁽¹⁾	Qamħirrum
Il-Borża	ta' Minneapolis	ta' Chicago
Kwotazzjoni	183,142	115,120
Premium fuq il-Golf	-	24,873
Premium fuq l-Għadajjar il-Kbar	42,705	-

⁽¹⁾ Premium pożittiv ta' EUR 14 għal kull tunnellata inkorporata (l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010).

2. Il-prezzijiet medji għall-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010:

Spejjeż għat-trasport: Il-Golf tal-Messiku – Rotterdam:	12,390
Spejjeż għat-trasport: L-Għadajjar il-Kbar – Rotterdam:	36,075